MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 90/2004/1

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Taljana Finaval Spa**

**v.**

**Dr. Louis Cassar Pullicino li b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Frar 2004 u l-1 ta' Marzu 2004 gie kkonfermat bhala kuratur deputat nominat sabiex jirraprezenta s-socjetajiet Scorpio Ship Management S.A.M, Ferentino Shipping Company Limited, Ilario Shipping Company Ltd liema zewg kumpaniji Ferentino Shipping Company Ltd u Ilario Company Ltd gew**

***struck off* mir-Registru tal-kumpaniji fis-26 ta' Frar 2004, Arthur George Ltd, Victoria International Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell interpost mis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M, minn zewg decizjonijiet moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet premessi, jigifieri minn sentenza *in parte* tat-2 ta' Dicembru 2004 u s-sentenza fil-mertu tal-5 ta' Lulju 2007.

Fl-ewwel sentenza, li kienet tirrigwarda l-eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni, l-ewwel Qorti ddecidiet billi cahdet l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M, u qieset li dawn il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni jittrattaw dan il-kaz, u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez konnessi ma' dik id-decizjoni kellhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M.

Sar appell ukoll mit-tieni sentenza, u cioe` dik fuq il-mertu, li giet deciza fil-5 ta' Lulju 2007, fejn l-ewwel Qorti ddecidiet billi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M, laqghet l-ewwel talba attrici, ddikjarat li ma tistax tilqa' mit-tieni sal-hames talba tas-socjeta` attrici u astjeniet milli tieghu konjizzjoni tal-istess (peress illi dawn gew ceduti); laqghet pero` s-sitt talba u ddikjarat lis-socjeta` Scorpio Ship Management S.A.M. unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici; laqghet is-seba` talba u llikwidat id-danni f'ammont ta' US$22,200,000; laqghet it-tmien u l-ahhar talba attrici billi kkundannat lis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. thallas lis-socjeta` attrici, in linea ta' danni, is-somma ta' Lm7,093,785 (seba` miljun, tlieta u disghin elf, seba' mija u hamsa u tmenin Lira Maltin), ekwivalenti ghall-US$22,200,000, bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni, cioe` mill-5 ta' Frar, 2004, sal-pagament effettiv; fic-cirkostanzi, astjeniet milli tippronunzja ruhha fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. L-ispejjez gudizzjarji kollha

jithallsu mis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M.

Ghal intendiment ahjar ta' dawn l-appelli, il-Qorti qeghdha tannetti bhala Appendici A u Appendici B iz-zewg sentenzi surreferiti biex dawn jiffurmaw parti integrali mill-odjerna sentenza.

**Rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M.**

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenzi surriferiti tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnhom.

<u>Fir-rigward tal-ewwel sentenza, l-aggravju tas-socjeta` Scorpio fil-qosor huwa s-segwenti:</u>

Illi l-ewwel Qorti erronjament iddecidiet li kellha gurisdizzjoni li tisma' din il-kawza a tenur tal-Artikolu 742(c) tal-Kap. 12 f'cirkostanzi fejn dan is-subinciz ma kienx japplika ghall-fatti tal-kaz. Inoltre fid-dawl tac-cessjoni da parti tas-socjeta` attrici tat-talbiet dwar it-trasferiment tal-ishma, huwa evidenti li l-gurisdizzjoni kellha tigi bbazata biss fuq it-talbiet kif inhuma llum, u cioe` bhala talba ghal danni.

Ghalhekk is-socjeta` appellanti talbet ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

**Risposta tas-socjeta` attrici appellata.**

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament

riportati fis-sentenzi appellati li gew annessi ma’ din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga’ tirrepetihom.

**Gurisdizzjoni**

Fis-sentenza preliminari taghha tat-2 ta’ Dicembru 2004, l-ewwel Qorti ddecidiet li hija kellha gurisdizzjoni bazata fuq il-vertenza kif koncepita mis-socjeta` attrici li allegat li s-socjeta` Scorpio obbligat ruhha li tittrasferixxi a favur taghha ishma f’kumpanija registrata f’Malta, u ghalhekk il-Qrati Maltin kellhom gurisdizzjoni jistharrgu dik il-kwistjoni. L-ewwel Qorti sabet li kellha din il-gurisdizzjoni ai termini tal-Art. 742, sub-inciz (c) tal-Kap. 12 li jiddisponi s-segwenti:

“(1) Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija:
...

**“(c) kull persuna**, f’kawza dwar **hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f’Malta**.

Skond l-appellanti l-kwistjoni dwar it-trasferiment tal-ishma f’socjeta` registrata Malta ma setghet qatt tigi kkunsidrata bhala l-bazi legali li fuqa tigi determinata l-gurisdizzjoni tal-Qorti, u din ghamlet is-segwenti sottomissjonijiet fir-rigward ta’ dan l-aggravju.

Is-socjeta` appellanti tikkontendi li l-vera konsiderazzjoni li ghaliha giet intavolata l-kawza mis-socjeta` attrici ma kienitx it-trasferiment tal-ishma b’valur nominali minimu, imma li takkwista titolu ta’ proprjeta`, ghalkemm indirett, f’vapur mibni skond rikjesta specifika taghha.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, minn ezami akkurat tal-provi prodotti jirrizulta li l-kawza pprezentata mis-socjeta` attrici giet intavolta a bazi ta’ allegat ftehim bejn il-partijiet (dokument AF1 a fol. 8 tal-process) ghax-xiri ta’ ishma tas-socjeta` li kienet ser tkun is-sid tal-bastiment qabel ma

dan jigi trasferit lil Shipco B. Skond dan id-dokument *“Scorpio will place an order, through two single purpose off-shore based companies (Shipco A and Shipco B) … Shipco B will be reserved to Finaval….. The shares in Shipco B will be transferred over to Finaval.”* Minn dawn id-dokumenti jidher li s-socjeta` appellanti kellha tirregistra l-kumpaniji f’Malta. Ghalhekk skond l-ittra msemmija l-oggett tal-allegata weghda ta’ bejgh kien l-ishma f’wahda mill-kumpaniji li kellha tigi registrata Malta u mhux it-trasferiment tal-bastiment. Dawn l-ishma kienu jinsabu hawn Malta, u ghalhekk jaqghu fil-parametri ta’ dak li jipprovvdi l-Artikolu 742(c).

Inoltre, li l-ishma ta’ dawn iz-zewg kumpaniji, Ferentino u Ilario, kienu l-mertu tal-kawza jirrizulta anke mid-dikjarazzjoni li ghamlet is-socjeta` appellanti ma’ l-eccezzjonijiet taghha a fol. 83 fejn qalet li: “Il-punt krucjali f’din il-vertenza hu jekk attwalment intlahaqx ftehim vinkolanti bejn il-partijiet jew min minnhom, liema ftehim kien jikkomprendi fih <u>weghda ta’ bejgh kif qed jigi allegat mill-atturi</u>”. Il-ftehim imsemmi kien fuq <u>l-ishma</u> f’socjeta` minnhom u mhux fuq it-trasferiment tal-bastiment. Ta’ minn jinnota wkoll li kien sar il-ftehim fuq l-ishma b’dak il-mod billi s-socjeta` attrici ma kienitx f’qaghda finanzjarja f’dak l-istadju li tixtri bastiment imma kienet qed tipprevedi li tkun f’posizzjoni li taghmel hekk zmien sentejn. U dan, is-socjeta` appellanti kienet tafu.

Kif jirrizulta mill-gurisprudenza li saret referenza ghaliha mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u anke mis-socjeta` appellata, “ishma” f’socjeta` huma kkunsidrati bhala “hwejjeg”, u f’dan il-kaz dawn il-“hwejjeg” kienu qeghdin jew jinsabu f’Malta a tenur tal-Artikolu 742(c) tal-Kap. 12.

Is-socjeta` appellanti tilmenta li s-socjeta` appellata kienet taf li s-socjeta` li fil-konfront taghha kienet qed titlob li jigi ordnat it-trasferiment tal-ishma, kienet fi stat ta’ stralc u kien hemm stralcjarju nominat. Is-socjeta` appellata tichad li kienet taf b’dan, u zzid li anke kieku kienet taf, dan il-fatt ma jaghmel ebda differenza fuq il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni. Is-socjeta` appellata spjegat li meta hija, wara li pprezentat il-kawza, skopriet li dawn il-kumpaniji

registrati Malta kienu se jigu likwidati hi kitbet lill-likwidatur (ara Dok AF 17 a fol. 314) u gharrfitu biex ma jkomplix miexi bl-istralc billi pprezentat kawza kontra l-kumpaniji. *Invece* dan baqa' ghaddej bl-istralc u l-kumpaniji gew *struck off*.

Jirrizulta mid-dokumenti esebiti li meta s-socjeta` appellata harget Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuti qabel infethet il-kawza, dawn ikkontestaw it-talba tas-socjeta` attrici ghal hrug tal-mandat u mkien ma semmew li l-kumpaniji kienu fi stralc jew li kienu ser jigu *struck off*. Lanqas ma ssemma' dan il-fatt, meta huma pprezentaw l-eccezzjonijiet fil-kawza li fethitilhom is-socjeta` attrici. Din l-informazzjoni harget biss wara l-prezentata tal-kawza u fil-kors taghha.

Sottomissjoni ohra tas-socjeta` appellanti hija li l-vapur qatt ma kien ser jigi fil-fatt akkwistat mis-socjeta` registrata Malta fil-mument tal-prezentata tal-kawza u li l-vapur in kwistjoni kien gia` assenjat lil terzi meta giet intavolata l-kawza u s-socjeta` appellata kienet taf b'dan.

Pero` kif sewwa wiegbet is-socjeta` appellata, la fin-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u lanqas fir-risposta taghha ghall-Mandat ta' Inibizzjoni, u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (a fol. 321) ma hemm imsemmi li s-socjeta` appellanti ma kienx fadlilha interess fil-bastimenti billi dawn suppost gew trasferiti lil terzi. Is-socjeta` appellanti lanqas ma semmiet minn meta kien naqsilha dan l-interess. Ma gie pprezentat ebda *contract of assignment* jew *contract of sale* ta' dawn il-vapuri. Minn ezami tal-process ma jirrizultax li ngabu xi provi in propositu waqt is-smiegh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti jew li gie ppruvat konklussivament li s-socjeta` attrici kienet taf li l-bastimenti kienu nbieghu qabel ipprezentat il-kawza. L-ittra li baghtu l-avukati Inglizi ghan-nom tas-socjeta` appellata kienet intiza biex tigi ccarata l-posizzjoni dwar il-vapuri, izda s-socjeta` appellata baqghet bla risposta konklussiva dwar jekk fil-fatt il-bastimenti kienux inbieghu jew le. Jigi rilevat li din is-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti tqajmet biss issa, fl-

istadju tal-appell, kif bl-istess mod tressqu l-*winding up accounts* tal-kumpaniji Maltin.

Is-socjeta` appellanti tissottometti li l-unika azzjoni li kellha s-socjeta` attrici kienet azzjoni ghal danni f'xi *forum* iehor imma mhux f'Malta, u dan gie kkonfermat meta s-socjeta` attrici rtirat it-talbiet taghha ghat-trasferiment ta' ishma u zammet ferm biss dawk it-talbiet li kienu jikkoncernaw ir-responsabbilta` ghad-danni. Is-socjeta` appellanti tikkontendi li mhux bizzejjed li l-oggett ikun jinsab Malta biex il-Qorti ikollha gurisdizzjoni imma l-mertu tal-kawza jrid ikun dwar l-istess oggett u mhux haga ohra, u fil-kaz in ezami l-mertu tal-kawza kien mill-bidu nett dwar danni u xejn aktar. Ghalhekk una volta li l-kawza giet ridotta ghal talba ghal danni, u billi dan huwa dritt personali u mhux *in rem*, allura l-Qorti ma kelliex gurisdizzjoni.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta` appellanti jidher li mhix cara f'mohha dwar dak li qed tahseb li kienet l-intenzjoni vera tas-socjeta` attrici meta din ipprezentat il-kawza, billi daqqa tghid li l-kawza hija dwar trasferiment ta' bastiment, u daqqa tghid li l-kawza hija biss dwar danni.  Kif gia` ntqal f'din is-sentenza, it-talba tas-socjeta` attrici f'din il-kawza hi dwar l-allegat ksur ta' weghda ta' bejgh tal-ishma fis-socjetajiet Ferentino u Ilario. Is-socjeta` appellata riedet tixtri dawk l-ishma li kienu mweghda lilha f'socjeta` li kienet se tkun sid ta' bastiment. L-ideja tas-socjeta` attrici ma kienitx mill-bidu nett li l-kawza tkun unikament ghal danni. Id-danni kienu sekondarji ghall-obbligu principali li kellha s-socjeta` appellanti Scorpio li ttrasferixxi l-ishma. Kien biss meta eventwalment din il-weghda ma nzammitx minn Scorpio u l-bastiment inbiegh lil terzi li s-socjeta` appellata nsistiet fuq id-danni bhala rimedju sussidjarju ghall-hsara lilha kkagonata. Kien inutili f'dak l-istadju, meta kien allura sar it-trasferiment, li s-socjeta` appellata tibqa' tinsisti fuq it-talbiet dwar it-trasferiment tal-bastiment**.**

Is-socjeta` appellanti ghalhekk qed targumenta li peress illi t-talbiet ta' trasferiment tal-ishma gew irtirati, allura l-kawza giet ridotta ghal wahda ta' danni biss u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni. Fil-kaz in ezami, dak li hu

determinati huwa meta giet radikata l-gurisdizzjoni tal-Qorti. Bhala regola l-gurisdizzjoni tigi radikata fuq il-fatti u t-talbiet kif ikunu meta tigi pprezentata c-citazzjoni. Gie stabbilit li sakemm giet ipprezentata l-kawza ma kienx hemm prova li l-bastimenti kienu nbieghu. Meta giet prezentata l-kawza, is-socjeta` attrici kienet qed tippretendi jedd fuq l-ishma li hija riedet tenforza hawn Malta b'sentenza favuriha, izda ma jfissirx li ghax wara li giet prezentata l-kawza, is-socjeta` li kellha l-ishma giet stralcjata (ghalkemm il-likwidatur kien gie interpellat biex ma jaghmilx hekk) ma kienx ghad hemm il-gurisdizzjoni. Kif gie ritenut f'diversi gudikati precedenti, ir-regola hi li l-punt relevanti sabiex tigi stabbilita l-gurisdizzjoni huwa dak tal-prezentata tac-citazzjoni (**Montanaro Gauci v. Bickford** tat-2 ta' Gunju 1969). Gie ritenut ukoll li l-Qorti xorta wahda jkollha gursidizzjoni jekk il-konvenut ikun agixxa illegalment sabiex inezza' lill-Qorti mill-gurisdizzjoni (ara App. **Harvey v. Caruana Galizia** tat-8 ta' Jannar 2003). Kif intqal fil-kawza **Micallef v. Dr. G. Borg Olivier et** deciza fl-24 ta' Jannar 1933, *"La gurisdizione una volta radicata non puo` venire meno col cessare della causa per cui si e` radicata la competenza".*

Inoltre jigi rilevat li f'dan il-kaz s-sentenza tal-ewwel Qorti dwar gurisdizzjoni nghatat fis-sena 2004 u t-talbiet gew ceduti wara, meta l-i*specific performance* ma baqghetx aktar possibbili. Ghalhekk din il-Qorti trid toqghod bilfors fuq dak li kien irrizultaha l-ewwel Qorti fil-kors tal-kawza u mhux fuq dak li ssucceda wara li nghatat l-ewwel sentenza.

Is-socjeta` appellanti lmentat ukoll li l-ishma in kwistjoni ma kienux jappartjenu lil Scorpio Ship Management izda lil zewg socjetajiet inkorporati gewwa l-Liberja li kienu wkoll konvenuti f'din il-kawza. Qalet ukoll li hija qatt ma assumiet l-obbligu li tirregistra s-socjetajiet taht il-ligi Maltija u qatt ma kienet propretarja tal-bastimenti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li Scorpio Ship Management ma kienitx direttament il-propretarja tal-ishma tas-socjetajiet Maltin, mhux determinanti ghall-kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni. Il-ligi, fl-Artikolu 742(c) tal-Kap 12 trid li l-

gurisdizzjoni tkun radikata fuq "il-proprjeta` li tinsab hawn Malta" u l-Qorti tista' tezercita l-gurisdizzjoni fir-rigward ta' *"any person"*. Il-ligi ma tirrikjedix li attur jew konvenut ikollu konnessjoni ma' Malta biex il-Qorti tezercita l-gurisdizzjoni li ghandha, imma hu bizzejjed li "proprjeta`" tkun hawn Malta. Jirrizulta mill-provi prodotti, kif ser jinghad aktar 'il quddiem, li Scorpio u s-socjetajiet inkorporati hawn Malta kienu haga wahda, u kienu kkrejati u kkontrollati minn Scorpio biex jaqdu l-pjanijiet taghha. Kienet is-socjeta` appellanti li hadet il-passi kollha biex tattwa dak li kien imwieghed fl-ittra Dok AF1, inkluz ix-xiri tal-bastiment u r-registrazzjoni tal-kumpaniji f'Malta.

L-appell mis-sentenza tat-2 ta' Dicembru 2004, ghalhekk, qed jigi michud.

**Appell tas-socjeta` konvenuta appellanti fil-mertu.**

Is-socjeta` konvenuta appellat ukoll mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal- 5 ta' Lulju 2007 bis-segwenti aggravji:

- L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-ittra datata 24 ta' Dicembru 2002 tammonta ghal rabta guridika kuntrattwali bejn il-partijiet li tinkwadra ruhha f'weghda ta' bejgh u cioe` konvenju, hekk kif regolat mill-Kodici Civili. Is-socjeta` appellanti tissottometti li dan id-dokument m'huwiex kuntratt u b'mod partikolari m'huwiex konvenju u lanqas ma huwa kuntratt stipulat abbazi ta' offerta u accettazzjoni bejn zewg partijiet.

- Dwar ir-responsabbilta` li giet akkollata biss lis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M, is-socjeta` appellanti tghid li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li l-bejgh tal-ishma ma kienx aktar possibli billi l-ishma gew trasferiti lil terzi u z-zewg kumpaniji gew *struck off,* u dan billi bhala fatt ma sar ebda trasferiment ta' ishma matul l-ezistenza tal-kumpaniji Ferentino u Ilario. L-ishma kienu proprjeta` taz-zewg socjetajiet konvenuti Liberjani l-ohra f'din il-kawza u kienu huma li ddecidew li l-kumpaniji Maltin jigu *struck off*. Minflok l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-principju dwar il-personalita` guridika

awtonoma ta’ kull kumpanija u ma ddistingwietx bejn wahda u ohra.

- Kwantu ghad-danni li gew likwidati mill-ewwel Qorti, is-socjeta` appellanti tissottometti li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox dak li gie deciz minnha stess fis-sentenza preliminari fejn irriteniet li l-kawza kienet dwar weghda ta’ bejgh ta’ ishma u mhux ta’ bastiment u minflok illikwidat id-danni bhallikieku l-weghda ta’ bejgh kienet wahda li tinvolvi bejgh ta’ bastiment.

- Fl-ahhar nett is-socjeta` appellanti tghid li, apparti l-fatt li fic-citazzjoni ma saret ebda talba ghall-hlas ta’ imghax, il-kawza attrici kienet wahda sabiex jigu likwidati d-danni, ghalhekk l-imghax kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux kif iddecidiet l-ewwel Qorti, mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Lulju 2007 prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` appellanti u c-cahda tat-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**Risposta tas-socjeta` attrici appellata fil-mertu.**

Is-socjeta’ attrici appellata pprezentat ir-risposta taghha fl-20 ta’ Awwissu 2007 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma wkoll is-sentenza tal-ewwel Qorti fil-mertu, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

**Ittra datata 24 ta’ Dicembru 2002**

Fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta` appellanti ssostni li l-ittra datata 24 ta’ Dicembru 2002, Dok AF1 a fol. 8, m’hijiex kuntratt u b’mod partikolari m’hijiex konvenju, imma semplicement ittra miktuba f’kuntest ta’ negozjati kummercjali u ghal kollox fi stadju pre-kontrattwali. Id-

dokument jigbor fih riassunt ta' numru ta' punti ta' negozju naxxenti minn tahdidiet kummercjali bejn zewg entitajiet imprenditorjali.

L-ewwel Qorti ddecidiet li minn din l-ittra jemergi li Scorpio kellha obbligazzjoni li tittrasferixxi l-ishma lill-Finaval izda li naqset milli taghmel dan u ghalhekk kisret il-promessa ta' bejgh skond l-istess ittra. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-ittra imsemmija kienet tikkostiwixxi "promessa ta' bejgh", kif kontemplat fl-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Hi ma qalitx li din l-ittra kienet  tikkostitwixxi "kuntratt" fis-sens wiesgha tal-kelma, imma biss li kien hemm ksur ta' sitwazzjoni kuntrattwali partikolari maghrufa bhala "promessa ta' bejgh" jew "konvenju".

Is-socjeta` appellanti tinsisti li l-ittra ma kienitx promessa ta' bejgh ta' ishma imma proposta li ntbaghtet f'kuntest ta' negozjati li kienu ghaddejjin u li fiha u ma kien hemm xejn konkjuz u vinkolanti.

Din il-Qorti ghalhekk trid, bhall-ewwel Qorti, tara x'kienet l-intenzjoni tal-awtur ta' din l-ittra, il-kuntest li fih inkitbet u x'wassal biex is-socjeta` Scorpio tibghat l-ittra lil Finaval. Fid-dawl ta' dan kollu, imbaghad trid tistaqsi jekk fuq il-fatti kif rizultanti din il-Qorti tistax ragjonevolment tghid li iva din kienet offerta li torbot kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

L-ewwel Qorti kienet konxja li mal-ewwel daqqa t'ghajn l-ittra kienet tidher qisha biss proposta biex jinbdew negozjati u kien ghalhekk li irrimarkat hekk fis-sentenza taghha: "Din il-Qorti tapprezza li b'din id-decizjoni qed tmur kontra dak li pprovdiet hi stess meta cahdet it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Dan qed taghmlu konxjenzjosament u wara smiegh ta' provi u studju f'aktar dettal tal-meritu tal-kawza".

L-aggravju tas-socjeta` appellanti fir-rigward ta' din l-ittra hu mibni fuq diversi sottomissjonijiet li hafna minnhom diga` tressqu quddiem l-ewwel Qorti, li jidher li gharblithom sew u ghamlet diversi osservazzjonijiet in propozitu. Din il-Qorti mhux ser toqghod tirrepeti l-konsiderazzjonjiet kollha li ghamlet l-ewwel Qorti biex

waqqghet dawk is-sottomissjonijiet, imma ser tissenjala u tippuntwalizza dawk il-punti li din il-Qorti jidhrilha li huma determinanti f'dan l-istadju biex jigi milqugh jew michud l-aggravju tas-socjeta` appellanti in vista wkoll tas-sottomissjonijiet godda li tressqu quddiem din il-Qorti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li d-diskussjonijiet bejn il-partijiet kienu bdew xhur qabel ma ntbghatet l-ittra tal-24 ta' Dicembru 2002 u l-partijiet kienu diga` ffirmaw *Letter of Intent*, *Shareholders Agreement* u giet iffurmata l-*joint venture,* 'Fin-Scorpio', li kienet ser tiehu hsieb u tmexxi l-intrapriza bejn il-partijiet. Huma riedu jibdew dan in-negozju flimkien imma jidher li l-intendiment ta' kull wiehed minnhom dwar x'riedu jottjenu ezattament minn dan in-negozju ma kienx trasparenti ghal kollox, u kif intqal kien hemm "*different expectations*". Waqt li Finaval riedet tippartecipa f'formazzjoni ta' kumpanja b'negozju ta' certu tip ta' xoghol marittimu u zzid it-*tonnage,* min-naha l-ohra, Scorpio kienet interessata biss li tottjeni negozju partikolari lukrattiv, u cioe` l-kuntratt tal-Enel, u riedet tisserva bil-kuntatti li kellha Finaval biex tilhaq dan l-iskop. Il-provi juru li Sig. Lolli Ghetti ghal Scorpio ried jassoggetta l-ftehim ta' bejniethom u partikolarment ix-xiri ta' ishma da parti tas-socjeta` Finaval ma' l-otteniment ta' dan il-kuntratt tal-Enel mentri s-Sig. Fagioli ghal Finaval ried li l-kuntratt ikun opportunita` ghalihom ghall-kolloborazzjoni ma' Scorpio f'kamp aktar wiesgha. Ghal Finaval il-kuntratt tal-Enel kellu jkun "*just a brick in the wall*". Is-Sig. Fagioli ghalhekk kien oggezzjona bil-qawwa meta gie infurmat li l-bejgh tal-ishma kellu jigi kundizzjonat ma' l-otteniment tal-kuntratt tal-Enel, u qal li ma kienx interessat li jixtri l-ishma jekk tidhol dik il-kundizzjoni. Dan hu konfermat minn dak li xehed is-Sig. Aldo Poma, General Manager tas-socjeta` Scorpio fejn jghid li: *"At that time it was clear to me that the parties had different expectations and I advised Mr. Lolli Ghetti that it was about time to put his position in writing".* Kif qalet l-ewwel Qorti hu probabbli li meta Sig. Lolli Ghetti sar jaf bir-reazzjoni qawwija u negattiva ta` Sig. Fagioli, hu zamm lura milli jinsisti fuq il-punt tieghu, u irrediga ftehim, cioe` l-ittra, li jkun accettabbli ghas-Sig. Fagioli. Dan jittrapela anke minn dak li xehed Lalage Merello, li gie prodott bhala

xhud mis-socjeta` konvenuta fejn isemmi li: *“The drafting of this letter took some time as we wanted to find a polite way of linking the deal with the main Enel Contract <u>short of making it conditional on the Enel Contract</u>.”* (ara fol. 775 bidu tal-paragrafu 7).

Minn qari ta’ din l-ittra jirrizulta li l-awtur ma rabatx il-bejgh tal-vapur mal-kuntratt Enel u fil-fatt ma hemmx kundizzjoni simili, u jissemma’ biss li *“This proposal to finance the pre-delivery instalments is based <u>on our firm conviction</u> that Fin-Scorpio will be awarded with the Orimulsion contract to Brindisi.”* Dan kien biss konvinzjoni imma mhux kundizzjoni. Ghalhekk la darba s-socjeta` appellanti riedet li l-ftehim jitnizzel bil-miktub kull intendiment iehor jew xewqa espressa qabel ghandha titqies li giet rinunzjata u mhux inkorporata fil-ftehim (Art. 114 tal-Kap. 13).

L-ittra gabret dak kollu li kien gie miftiehem bejn il-partijiet u kienet tinkludi offerta biex (i) is-socjeta` Scorpio Ship Management S.A.M. *tramite* z-zewg socjetajiet li kienet ser tikkrejja ghal tal-apposta u *cioe`* *“Ship Co. A”* u *“Ship Co. B”*, tidhol f’zewg kuntratti ma’ Samsung Heavy Industries tal-Koreja ghall-bini ta’ zewg bastimenti godda u (ii) qabel ma dawn il-bastimenti jkunu lesti ghad-*delivery* taghhom, l-ishma ta’ *“Ship Co. B”* jigu trasferiti u mibjugha lis-socjeta` rikorrenti Finaval liema socjeta` kienet marbuta li thallas lil Scorpio Ship Management S.A.M, il-prezz ta’ dan il-bastiment gdid kif ukoll il-*“pre-delivery costs”* in kwantu kienu ta’ *“Ship Co. B”*. Din l-offerta, kif ser naraw, aktar ’il quddiem, inhatfet mis-socjeta` appellata.

Li gara pero` kien li l-proposta bdiet tigi attwata minn Scorpio bl-isperanza da parti tas-Sig. Lolli Ghetti li l-kuntratt tal-Enel kien ser jintrebah. Izda gara li wara xi zmien, Ghetti beda jitlef din l-isperanza, u rega’ lura l-promessa billi kiteb lil Finaval li l-premessi li fuqhom inkitbet l-ittra tal-24 ta’ Dicembru ma baqghux jissussistu.

Una volta li l-Qorti accettat li kien hemm weghda ta’ bejgh ta’ ishma, hi trid tezamina jekk din l-offerta fihiex ir-

rekwiziti rikjesti mill-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili biex tista' tigi konsidrata bhala "weghda ta' bejgh".

Is-socjeta` appellanti tissottometti li anke minn qari tal-istess ittra jirrizulta li dan id-dokument huwa vag u incert f'aspetti materjali biex jista' jigi meqjus bhala kuntratt. Hi tissottometti li ma jistax ikollok ftehim sabiex jintlahaq ftehim iehor meta dan ikun nieqes minn aspetti essenzjali u necessarji sabiex il-kuntratt finali jkun jista' jigi milhuq. F'dan il-kaz, per ezempju, kien hemm diversi aspetti fosthom – il-Bank Finance, Shipyard Contracts u COA ma' l-Enel – li kienu ghad iridu jigu miftehma. Ghalhekk, skond is-socjeta` appellanti, l-ewwel Qorti kienet skorretta meta gibdet il-konkluzjoni li l-partijiet kienu ftehmu fil-principju dwar ix-xiri tal-ishma u l-bqija kienu dettalji li kellhom jiftiehmu fuqhom wara.

Din is-sottomissjoni kienet diga` tressqet quddiem l-ewwel Qorti u giet imwarrba. Fl-aggravju taghha, is-socjeta` appellata qed tirreferi ghall-parti ta' ittra msemmija tal-24 ta' Dicembru fejn hemm imnizzel li: *"Whilst this proposal is made in the spirit of good co-operation which has prevailed throughout in our relationship, I would strongly suggest that a memorandum of agreement is properly drafted by our respective management so that the appropriate mechanisms to render the above are thoroughly described. The reason being that certain events may take place some of which may be beyond our control, amongst others"* u hawn jissemmew il-Bank Finance, The Shipyard *contracts* u *the* COA *with* Enel.

Din il-Qorti tosserva li l-ewwel nett l-ittra msemmija mhux qed tghid li minghajr il-*Memorandum of Agreement,* il-proposta ma kienitx valida, imma li dak li ftehemu kellu jigi formalizzat wara b'MOA. Fil-fatt li gara kien li wara din l-ittra l-partijiet komplew jiltaqghu *"to put the mechanisms in place".* Dwar il-kwistjoni tal-finanzi, is-socjeta` appellanti baghtet l-*Investment Calculations* lill-Finaval f'Jannar; ix-*Shipbuilding Contracts* gew iffirmati wkoll f'Jannar, mentri l-bastimenti gew ordnati u dan nonostante li ma kienx ghadu gie ffirmat il-MOA bejn il-partijiet. Rigward il-COA tal-Enel, fl-ittra msemmija kien hemm provdut li f'kaz li l-

kuntratt ma jintrebahx Finaval u Scorpio kellhom jiddiskutu l-posizzjoni taghhom vis-à-vis il-bastiment in kwistjoni u x'uzu jista' jsir mill-bastiment il-gdid. Ghalkemm il-MOA kellu jigi ffirmat biex il-partijiet jaqblu fuq dak li kellu jsir, fil-fatt kollox gie *'in place'* nonostante li ma kienx ghadu ffirmat l-MOA, u gie superat b'dak li effettivament gara wara l-ittra. Ghalhekk, bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti taqbel li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet u l-affarijiet li ssemmew li kellhom isiru wara l-ittra kienu jolqtu l-mekkanizmu dwar kif kellu jigi attwat dak il-ftehim milhuq.

Is-socjeta` appellanti tghid ukoll li f'din l-ittra l-awtur tad-dokument ma jinkludiex klawzola fejn jindika l-ligi regolatrici ghall-kuntratt u l-*forum* kompetenti fil-kaz ta' rizoluzzjoni ta' disputi. Hi tissottometti li dan in-nuqqas m'ghandux jigi miftiehem bhala xi ommissjoni jew negligenza da parti tal-awtur izda ghandu jigi kkunsidrat bhala indikazzjoni cara tal-intenzjoni tieghu li ma kellu ebda hsieb li jattribwixxi lid-dokument xi forma ta' skrittura vinkolanti.  Fil-fatt tghid li mhux hekk sar meta l-istess partijiet holqu l-*'joint venture company'* u ffirmaw ix-*Shareholders Agreement*.

Gie stabbilit li l-ittra tal-24 ta' Dicembru ghandha tigi kunsidrata bhala promessa ta' bejgh ta' mobbli (Art. 315(a) tal-Kodici Civili)  ghalhekk din il-promessa bhala tali tista' tkun anke wahda verbali, u mhux bil-fors bil-miktub. Konsegwentement mhux necessarju ghal validita` tal-promessa li jigi indikat fiha f'dak l-istadju l-forum jew il-ligi li ser tapplika fil-kaz ta' disputa. Inoltre l-ftehimiet l-ohra li semmiet is-socjeta` appellanti kienu kollha materji li kienu lahqu gew formalizzati u konkjuzi.

Is-socjeta` appellanti tillanja wkoll li fl-ittra l-prezz ghat-trasferiment ta' l-ishma mhux determinat kif trid il-ligi (Art. 1353 tal-Kap. 16) u l-korrispondenza (Dok. AF2 a fol. 10) ma tispecifikax il-prezz tal-bastiment b'mod legalment vinkolanti u taghmel referenza biss ghal varji stimi ta' prezzijiet ta' bastimenti li mhux miftiehem u lanqas accettat mill-partijiet.

Din is-sottomossjoni diga` kienet tressqet quddiem l-ewwel Qorti u giet mwarrba wkoll. L-ittra tal-24 ta' Dicembru tghid li Scorpio kienet se tordna z-zewg vapuri, "*for the purchase price in the region of US36.5 million*" u li Scorpio "*would provide the equity towards the construction phase for both* (ships)" u li l-ishma kienu se jigu trasferiti lil Finaval "*against payment to Scorpio of the equity and predelivery costs as accrued at that time as so far advanced for Shipco B*".

Ghalhekk is-socjeta` Finaval kienet taf il-kriterji li fuqhom hija kienet se thallas meta tigi biex thallas il-prezz tal-ishma. Hi kellha thallas l-*equity u l-predelivery costs* li jkunu thallsu minn qabel minn Scorpio u li dan l-*equity* kien ser jammonta ghal xi US$36,500,000. Il-prezz ghalhekk kien determinat jew ghal inqas determinabbili skond dak il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. Fil-fatt dan il-prezz gie sussegwentement stmat minn Scorpio fl-ittra AF2 fejn il-prezz tal-bastiment flimkien tad-*delivery costs* kien se ikun ta' US$38,000,000.

Is-socjeta` appellanti tissottometti ukoll li fl-ittra msemmija ma hemm l-ebda zmien stipulat li fih iridu jigu trasferiti l-ishma. Tghid li hemm *an open ended obligation* ghall-perjodu ta' qabel il-konsenja tal-bastiment u fi kwalunkwe kaz sa mhux aktar tard mid-data tal-konsenja tal-istess bastiment. Id-dokument ma jistipulax lil min ghandu jigi kkonsenjat il-bastiment u fil-fatt tghid li dan gie assenjat lil terzi qabel il-prezentata tac-citazzjoni. Is-socjeta` appellanti qatt ma identifikat u wisq anqas accettat jew ikkunsidrat bhala vinkolanti xi terminu li fih kellha tigi determinata l-obbligazzjoni.

Din il-Qorti tosserva, pero`, li skond l-ittra msemmija AF1 hemm indikat zmien li fih kellha tigi enforzata l-obbligazzjoni. Din tghid li *"The shares of Shipco B will be transferred over Finaval at any time throughout the pre-delivery period, but latest upon delivery, against payment to Scorpio of the equity and the pre-delivery costs.."*. Li jfissier li fil-fatt kien hemm zmien biex tigi enforzata l-obligazzjoni u li l-ahhar zmien li setgha jsir kien dak *upon delivery*.

Kwantu ghas-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti li l-ittra ma tistipulax lil min ghandu jigi kkonsenjat il-bastiment jirrizulta mill-ittra msemmija l-bastimenti kellhom jigu kkonsenjati lil Shipco A u Shipco B u cioe` liz-zewg kumpaniji li kellhom jinholqu, Ferentino u Ilario. Jirrizulta mill-ittra li Shipco B kellu jkun riservat ghal Finaval.

Kwantu ghas-sottomissjoni li dan il-bastiment gie assenjat lil terzi qabel il-prezentata tac-citazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li diga` ddecidiet f'dan ir-rigward in konnessjoni mas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni fuq il-gurisdizzjoni.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ittra tal-24 ta' Dicembru kienet tirrifletti r-rieda tas-socjeta` Scorpio u ta' Finaval u l-ftehim li kien intlahaq bejniethom. L-oggett tal-weghda kien il-bejgh tal-ishma u gew identifikati l-ishma ta' Shipco B li kellhom jigu trasferiti lil Finaval. It-trasferiment kellu jsir b'titolu ta' bejgh u dan kontra prezz indikat li kien *"against payment to Scorpio of the equity and pre-delivery costs as accrued at that time as so far advance for Shipco B".* Il-provi jindikaw li kien hemm din il-weghda li kellha r-rekwiziti kollha skond 1357(2) tal-Kap. 16. Ghal din il-Qorti l-fazi pre-kontrattwali, ghalhekk, kienet giet superata billi l-partijiet ma llimitawx ruhhom biex semplicement jimmanifestaw il-hsieb taghhom li jikkonkludu ftehim, izda taw bidu ghal kompletar tal-attwazzjoni tal-progett kif ser naraw.

Is-socjeta` appellanti tissottometti ulterjorment li anke jekk kellu jigi accettat li kien hemm weghda ta' bejgh ma tezisti l-ebda prova li turi b'mod espress li s-socjeta` appellata kienet tat il-kunsens taghha li tintrabat bil-kundizzjonijiet espressi fid-dokument. Hi tghid li s-socjeta` Finaval ma tat l-ebda risposta verbali jew bil-miktub ghal din l-ittra. Inoltre tosserva li kwalunkwe partecipazzjoni ta' Finaval fid-diskussjonijiet li saru wara din l-ittra, kienu indikattivi tal-participazzjoni taghha bhala membru tal-*joint venture* fuq il-kuntratt tal-Enel u mhux ghaliex kien hemm ftehim separat li Finaval kellha takkwista d-drittijiet ghall-

bastiment indipendentement minn dak li kien qed jigri bejn il-partijiet fir-rigward tal-*joint venture.*

Is-socjeta` appellanti tghid ukoll li jekk kien hemm offerta, sabiex din tkun legalment u validament accettata, din l-accettazzjoni kellha tasal u tigi komunikata lill-offerent u li l-istess offerent ikun jaf bl-istess accettazzjoni komunikata lilu, kif jitlob l-Artikolu 110 tal-Kap. 13. Lanqas jista jinghad li huwa sodisfatt ir-rekwizit li jipprovvdi l-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 kwantu ghall-kontropromessa unilaterali tax-xerrej li jixtri l-haga u jhallas il-prezz.

Is-socjeta` appellata wiegbet li malli intbaghtet l-ittra tal-24 ta' Dicembru, mill-ewwel bdiet ghaddejja korrispondenza u dokumentazzjoni ta' natura konfidenzjali bejn Scorpio u Finaval dwar l-i*specifications* tal-bastimenti u saru laqghat ma' Samsung, il-bennejja tal-vapuri, biex jigu finalizzati l-i*specifications* tal-istess bastimenti u jigu ffirmati l-kuntatti. Is-socjeta` appellata ssostni li dawn l-attivitajiet, diskussjonijiet u skambji juru bic-car li kien hemm ftehim komplet u shih dwar il-weghda ta' bejgh tal-ishma tas-socjeta` ShipCo B, u din il-partecipazzjoni u accettazzjoni tal-weghda kompliet sakemm is-socjeta` Scorpio unilaterlament iddecidiet li ma tonorax l-obbligi taghha kif deher mill-ittra tat-23 ta' Mejju 2003 (Dok AF6 a fol. 22).

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li gara wara l-ittra tal-24 ta' Dicembru jikkonferma dak li qed issostni s-socjeta` appellata cioe` li hija kellha *option* li tixtri l-ishma tas-socjeta` ShipCo B; u d-diversi decizjonijiet li ttiehdu u laqghat  li saru wara, huma konferma tal-accettazzjoni da parti taghha tal-weghda ta' bejgh li kien hemm fl-ittra.

Kieku verament is-socjeta` appellata kienet qed tippartecipa fid-diskussjonijiet u inkontri wara l-ittra tal-24 ta' Dicembru semplicement bhala *observer* ghax kienet parti fil-*joint venture* li kien twaqqaf bejniethom u mhux ghax kellha xi drittijiet reali fuq il-bastiment, ghalfejn Scorpio baghtet lil Finaval l-ewwel l-"Standard Outline Specifications" tal-bastimenti, u mbaghad kopja tal-"Letter of Intent" ma' Samsung dwar ix-xiri tal-vapuri, u dan meta Scorpio kienet marbuta b'"Confidentialty Clauses"  "*not to*

*disclose to any person and/or entity not being a party hereto"* (ara kuntratti, Clause 8)? Ghalfejn nies teknici ta' Scorpio u ta' Finaval hadmu flimkien fuq id-dettalji tal-bastimenti, jew inzammu laqghat bejn Scorpio, Finaval u Samsung biex jiddiskutu l-i*specifications* tal-bastimenti? Jew ghalfejn meta gew ffurmati f'Malta iz-zewg kumpaniji, dawn inghataw ismijiet, Ferentino u Ilario, skond kif ghazlu s-Sig. Ghetti u s-Sig Fagioli? Ghalfejn kien hemm bzonn il-prezenza ta' Finaval meta gew iffirmati l-kuntratti tax-xiri tal-vapuri minn Scorpio u Samsung. Zgur mhux ghax kienet xi "*social event"* (xiehda Lolli Ghetti)?

Kieku Finaval kienu biss *partners* fil-*joint venture*, u mhux sid futur tal-bastiment skond il-weghda fl-ittra tal-24 ta' Dicembru, zgur li ma kienux jigu mistiedna biex jiehdu parti attiva f'dawk in-negozjati ghall-kuntratt ta' bini taz-zewg bastimenti u jkunu prezenti ghall-iffirmar tal-kuntratti nnifishom, li huma intimament ta' natura kunfidenzjali. Normalment semplici osservatur, kif Scorpio qed tippretendi li Finaval kienet, ma jiehux sehem f'dak il-livell ta' diskussjonijiet, jekk ma jkunx hemm ftehim, bhal ma kien hemm f'dan il-kaz, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li hawn si tratta ta' kompetituri fl-istess generu ta' xoghol.

Inoltre jigi rilevat li meta Scorpio baghtet lil Finaval kopja ufficjali ta' dawn il-kuntratti, fl-ittra akkumpanjatrici ssir referenza specifika ghal ittra u jinghad *"As agreed and following to our letter of December 24, 2002 attached please find…."* (AF4 a fol. 17) li juri li Scorpio kienet qed tattwa dak li kienet weghdet fl-ittra msemmija. Konferma ohra hija meta ssir referenza ghall-din l-ittra minn Sig. Ghetti fid-29 ta' Jannar 2002 fejn jerga' jirreferi ghal *option*, *"as outlined in my proposal of 24th December 2002".*

Ghalhekk kollox jindika li Scorpio kienet qed issegwi dak li kienet ippromettiet fl-ittra taghha tal-24 ta' Dicembru 2002. Kieku l-ittra kienet biss riflessjoni ta' diskussjonijiet preliminari, is-socjeta` Scorpio ma kienitx se timxi b'dak il-mod. Is-socjeta` Finaval accettat dik il-weghda li saritilha

u ma hemmx dubju li Scorpio ma setghetx ma kienitx taf b'dan.

Is-socjeta` appellanti tissottometti wkoll li anke jekk is-socjeta` appellata accettat l-weghda ta' bejgh, din l-accettazzjoni kellha tasal u tigi komunikata lis-socjeta` appellanti u din tkun taf bl-istess accettazzjoni kommunikata lilha, u hawn hi ghamlet referenza ghal dak li jghid l-Artikolu 110 tal-Kodici tal-Kummerc dwar meta kuntratt hu konkjuz bil-mezz ta' korrispondenza.

Is-socjeta` appellata tissottometti li meta wiehed jaqra l-Artikolu 110 fil-kuntest tac-cirkostanzi tal-kaz, l-accettazzjoni tas-socjeta` Finaval taqa' precizament fil-parametri ta' dan l-artikolu partikolarment in vista' ta' dak li jinghad fl-ahhar tal-artikolu, "l-uzijiet generali tal-kummerc".

F'dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li l-offerta giet legalment accettata minn Finaval u din l-accettazzjoni waslet u giet ikkomunikata lill-Scorpio meta Finaval ippartecipat bis-shih u bhala interessata fil-bastiment fid-diskussjonijiet, laqghat u negozjati li saru ma' Scorpio. Dawn jammontaw ghall komunikazzjoni lis-socjeta` appellanti u ma hemm xejn inkompattibli mal-volonta` ta' naha jew l-ohra li topponi dan il-bejgh jew xiri.

Dwar is-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti li ma giex sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 kwantu ghall-kontropromessa unilaterali tax-xerrej li jixtri l-haga u jhallas il-prezz, din il-Qorti tirrileva li s-socjeta` appellata kellha kull dritt li tintavola l-kawza anke qabel tlestew il-bastimenti biex titlob, kif fil-fatt ghamlet, l-esekuzzjoni tal-weghda, u fin-nuqqas jithallsu d-danni. Jirrizulta li s-socjeta` appellata pprovat li tenforza l-konvenju sakemm kien fizikament possibli.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Responsabbilta` ta' Scorpio Ship Management ghad-danni.**

Is-socjeta` appellanti ssostni li l-ewwel Qorti ghamlet zball materjali meta rriteniet li l-bejgh tal-ishma ma kienx aktar possibli billi l-ishma gew trasferiti minn Scorpio lil terzi, u dan billi, skond l-appellanti, bhala fatt ma sar ebda trasferiment ta' ishma matul l-ezistenza tal-kumpaniji Ferentino u Ilario. Is-socjeta` appellanti tillanja wkoll li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-principju dwar il-personalita` guridika awtonoma ta' kull kumpanija u ma ddistingwietx bejn wahda u ohra. Hi tikkontendi li l-ishma kienu taz-zewg socjetajiet konvenuti Liberjani u mhux taghha. Hi tkompli li ma kientx hi li tterminat il-ftehim ma' Finaval imma tterminat biss il-*joint-venture* 'Fin-Scorpio'. Il-kuntratti ma' Samsung saru mis-socjetajiet Ferentino u Ilario u mhux minnha, u li ma sarx trasferiment tal-vapuri tramite trasferiment tal-ishma, u anke kieku dan seta' jsir biss mill-azzjonisti Liberjani.

Illi kif inhu risaput, *"The principle of separate corporate personality forms the cornerstone of Company Law, yet exceptionally, in some instances, the law is prepared to disregard or look behind the corporate personality and have regard to the realities of the situation"* (L.Sealy & S. W. Worthington, Cases and Materials in Company Law. 8th Edition). Dawn huma l-kazijiet fejn il-Qorti thares lejn is-sustanza tal-affarijiet aktar milli l-forma li tidher.

L-ewwel Qorti ddecidiet li: "Bhala responsabbli ghad-danni, din il-Qorti tara li din ghandha tigi attribwita lis-socjeta` Scorpio Ship Management S.A.M, li sa mill-bidu nett u tul iz-zmien kollu kienet tmexxi dak kollu li kien isir. Kienet hi li terminat il-ftehim mas-socjeta` attrici, u li hadet hsieb ix-xiri u l-eventwali bejgh tal-vapuri lill-terzi, tramite trasferiment tal-ishma. Kienet hi li, bl-agir taghha, tat lok ghal dawn il-proceduri u wasslet ghall-impossibbilta` tal-ezekuzzjoni tal-ftehim tal-24 ta' Dicembru, 2002, meta ittrasferiet l-isthma tal-kumpaniji l-godda lill-terzi. Kwindi ghandha titqies unikament responsabbli ghad-danni".

Huwa veru, kif qalet l-appellanti, li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li l-bejgh tal-ishma ma kienx aktar possibli ghaliex "l-ishma tal-kumpanija gew trasferiti lil terzi" billi fil-fatt mhux hekk gara ghax l-ishma fis-

socjetajiet Ferentino u Ilario baqghu sakemm iz-zewg socjetajiet gew *struck off*. Fil-fehma tal-Qorti pero` dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward ma jaghmel l-ebda differenza billi l-punt principali jibqa' li wara li l-kumpaniji gew *struck off*, ma kienx aktar possibli li l-ishma jigu trasferiti.

Fil-kaz in ezami l-weghda lil Finaval kienet saret minn Scorpio li offriet li tbiegh l-ishma kollha f'socjeta` Maltija bil-prezz ta' US$36,760,000 liema bejgh seta' jsir fil-perjodu wara li jigi ordnat il-bastiment sakemm jigi kkonsenjat. L-obbligu kien ta' Scorpio li tittrasferixxi u tbiegh l-ishma lil Finaval.

Kienet is-socjeta` appellanti li tterminat mhux biss il-*joint-venture* izda anke l-ftehim mas-socjeta` appellata raggunt permezz tal-ittra tal-24 ta' Dicembru 2002. Infatti kien is-Sig. Ghetti ghal Scorpio li qal lil Finaval f'Mejju 2003 li l-premessi ta' dik l-ittra tieghu tal-24 ta' Dicembru ma kienux ghadhom japplikaw (ara Dok AF6 a fol. 22).

Inoltre jemergi mill-provi akkwiziti li n-negozjati u diskussjonijiet saru biss bejn Scorpio u Finaval, u z-zewg kumpaniji ma jiffiguraw imkien, anzi gew krejati wara l-ftehim raggunt. L-ittra tal-24 ta' Dicembru turi li kollox kien ser jigi attwat minn Scorpio u kienet Scorpio li qed tikkontrolla kollox u kellha l-*controling interest* fil-bastimenti. Skond din l-ittra, Scorpio kellha taghmel l-ordni tal-vapuri, irriservat il-bastiment lil Finaval, kellha tipprovdi l-*equity*, u meta jigu trasferiti l-ishma lil Finaval, din kellha thallas lill-Scorpio u mhux lil haddiehor. Hu evidenti li Sorcpio ma setghetx tittrasferixxi x-*shares* kieku hi ma kelliex x'taqsam maz-zewg kumpaniji, kif issa qed tippretendi. In-negozjati kollha wara l-ittra tal-24 ta' Dicembru saru biss minn Scorpio ma' Finaval, u kienet Scorpio li ffirmat il-Letter of Intent ghax-xiri tal-bastimenti '*for and on behalf of a nominee – to be nominated by Scorpio Ship Management s.a.m'*.

Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti fejn sabet li Scorpio ghandha titqies unikament responsabbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti, Scorpio riedet tohloq grupp ta' kumpaniji li fir-

realta` kienu entita` ekonomika wahda. Fil-kaz **DHN Food Distribution Ltd v. Tower Hamlets LBC (1976)** gie deciz li f'sitwazzjoni simili: *"It is a case where the holding company extended a substantial degree of control over the affairs of the subsidiary company, to the extent that the holding company controlled and dictated the corporate policy of its subsidiary".* Gie deciz ukoll fil-kaz **Adams v. Cape Industries Plc (1990)** li apparti dan il-kontrol ried ikun hemm ukoll: *"the finding of a façade in relation to the incorporation of the subsidiary company."* Fil-fehma ta' din il-Qorti fil-kaz in ezami hu dan proprjament li gara. Il-kumpaniji konvenuti l-ohra kienu biss il-faccata ghan-negozju u operazzjonijiet li riedet taghmel Scorpio biex tottjeni, fil-hsieb taghha, il-kuntratt tal-Enel.

**Likwidazzjoni tad-danni**

Is-socjeta` appellanti ma qablitx mal-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-ewwel Qorti billi ssostni li hi injorat ghal kollox dak li kienet ddecidiet fis-sentenza preliminari taghha fejn qalet li l-kawza kienet wahda dwar weghda ta' bejgh ta' ishma u mhux ta' bastiment u minflok illikwidat id-danni bhallikieku l-weghda ta' bejgh kienet wahda ta' bejgh ta' bastiment.

Is-socjeta` appellanti ghalhekk tikkontendi li s-socjeta` attrici kellha ggib prova dwar il-valur tal-ishma u mhux prova dwar il-prezz tal-bastiment. Il-valur kellu jkun dak ta' jekk u meta giet accettata l-offerta (jew almenu meta twaqqfet il-kumpanija) u kien hemm weghda ta' bejgh, imbaghad il-valur jigi pparagunat mal-valur tal-istess ishma, jekk u meta seta' jsir il-bejgh finali u t-trasferiment tal-ishma. Il-valur tal-ishma ma setax ikun awtomatikament il-valur tal-bastiment kif irriteniet l-ewwel Qorti ghax meta wiehed jaghmel stima tal-valur tal-ishma, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-attiv u l-passiv tas-socjeta` (bhal self) u allura billi kellu jkun hemm self qawwi biex jigi finanzjat il-prezz tal-bastiment, il-valur tal-ishma kien ser ikun baxx hafna. Inoltre d-danni li setghu jigu likwidati jew kwantifikabbli huma dawk sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Inoltre l-valur li l-ewwel Qorti accettat, dak ta' US$60,000,000 kien riferibbli ghall-

perjodu ta’ Dicembru 2004 u mhux Frar 2004 meta giet intavolata l-kawza.

Is-socjeta` appellanti tkompli li d-danni li jistghu talvolta jigu likwidati huma dawk rapprezentanti l-profitt li seta’ sar jekk u meta Scorpio assenjat id-drittijiet taghha naxxenti mill-kuntratt konkluz ma’ Samsung, u t-telf ta’ profitt li setghet taghmel is-socjeta` attrici fl-eventwalita` li kienet tkun f’qaghda li hija tbiegh il-vapur skond ir-rati vigenti fis-suq, (ara Art. 1135 Kap. 16), u dan hu proprjament dak li talbu l-Avukati Waterson Hicks fl-ittra ta’ Lulju 2003. Is-socjeta` appellanti tghid ukoll li s-socjeta` appellata ma gabet ebda prova dwar kemm hallset biex xtrat il-vapur, u minn hallas ghalih u lanqas ma esebiet Bill of Sale. Il-Memorandum of Agreement huwa biss konvenju.

Finalment is-socjeta` appellanti tissottometti li qabel ma s-socjeta` appellata titlob id-danni hija kellha taghmel tentativ biex tesegwixxi l-konvenju u mhux iccedi t-talbiet dwar l-ishma u titlob id-danni.

Dwar l-ahhar sottomissjoni tas-socjeta` appellanti, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, u li hija tikkondivi, u cioe` li ma kien hemm xejn x’izomm lis-socjeta` appellata milli tipprocedi mill-ewwel bil-kawza, kif fil-fatt ghamlet, biex tenforza l-weghda skond l-ittra tal-24 ta’ Dicembru. Hija fil-fatt ghamlet talba biex tesegwixxi dan il-ftehim, u fin-nuqqas li setgha jsir dan, talbet id-danni.

Skond l-ittra tal-24 ta’ Dicembru l-prezz li bih kienu se jigu trasferiti l-ishma lil Finaval kien “*against payment to Scorpio of the equity and the pre-delivery costs, as accrued at that time, as so far advanced for ShipCo B”*. Jigifieri li l-prezz tal-ishma li kien se jkollha thallas Finaval meta tezercita l-*option* kien se ikun il-prezz tal-bastiment. Ghalhekk id-dannu li sofriet is-socjeta` appellata jikkonsisti filli ma gewx trasferiti lilha l-ishma ta’ socjeta` li kellha bastiment b’dak il-valur pattwit, u ghalhekk meta hija giet kostretta tixtri bastiment iehor, li hija kellha bzonn, is-socjeta` appellata hallset aktar billi fil-frattemp il-prezzijiet ta’ dak it-tip ta’ bastimenti kien ghola sew.

Dan iwaqqa' l-argument l-iehor tas-socjeta` appellanti dwar il-konsiderazzjoni fuq il-passiv tal-kumpanija Finaval in vista tas-self li kien ikollha tiehu biex tixtri l-bastiment, ghax fil-frattemp il-valur tal-bastiment u anke l-valur tal-ishma kien jitla' wkoll billi bastiment li kien jiswa' US$38,000,000 kien gie jiswa' US$60,000,000.

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni l-ewwel Qorti iddecidiet hekk: "Dwar l-ammont ta' danni, jirrizulta li l-vapur li kienet se tixtri s-socjeta` attrici a bazi tal-ftehim kien se jiswa US$37,800,000. Dan jirrizulta mill-*email* ta' Sig. Lolli Ghetti li baghat wara l-ittra tal-4 ta' Dicembru, 2004 (a fol. 11 tal-process), u mid-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Enrico Rossi (a fol. 418 tal-process). Jirrizulta ukoll li l-akkwist ta' vapur illum huwa ta` bejn US$50,000,000 u US$65,000,000 (ara xiehda ta' Enrico Cambioso a fol. 464 tal-process). Mehud kont it-trapass taz-zmien, il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq stima ta' US$60,000,000, biex b'hekk id-danni dovuti lis-socjeta` attrici jigu jammontaw ghal US$22,200,000".

L-ewwel Qorti ddecidiet li "l-valur ta' vapur illum" (is-sentenza nghatat f'Lulju 2007) kien bejn US$50,000,000 u US$65,000,000. Is-socjeta` appellanti pero` tikkontendi li l-valur kellu jkun dak fid-data meta giet pprezentata l-kawza cioe` Frar 2004. Jigi rilevat ghal kjarezza li meta l-ewwel Qorti semmiet x'kien il-valur tal-vapur illum hija kienet qed tirreferi ghal dak li xehed Cambiaso dwar il-valuri fil-perjodu indikat minnu u mhux ghad-data tas-sentenza.

Is-socjeta` appellanti lanqas ghandha ragun meta tghid li d-danni ghandhom ikunu dawk sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni stante illi d-danni avveraw ruhhom ukoll wara l-prezentata tac-citazzjoni billi s-socjeta` appellanti naqset mill-obbligi taghha li titrasferixxi l-ishma u s-socjeta` appellata kellha tixtri bastiment iehor bi prezz oghla. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lis-socjeta` appellata milli matul il-kawza tressaq aktar provi dwar id-danni li hija sofriet meta rrizultalha li minhabba l-agir tas-socjeta` appellata l-ishma ma setghux jigu trasferiti lilha.

Dan setghet taghmlu wkoll billi fic-citazzjoni, it-talba taghha ghal danni kienet wahda da likwidarsi u mhux ghall-ammont specifikat.

Il-prezzijiet tal-bastimenti ma jistghux jigu meqjusa fi Frar 2004 kif qed tippretendi s-socjeta` appellanti billi apparti li Finaval ma setghetx finanzjarjament tixtrih dak iz-zmien, kif is-socjeta` appellanti kienet taf, Finaval kellha l-*option* li tixtri l-ishma bejn Novembru 2004 jew Jannar 2005. Issa kif xehed Cambiaso il-prezz dak iz-zmien kien bejn 60 u 62 miljun dollaru Amerikan. L-ewwel Qorti ddecidiet billi hadet il-figura ta' 60 miljun bhala l-valur fl-ewwel data possibili li fiha s-socjeta` appellata kienet tkun f'posizzjoni finanzjarja li tixtri l-bastiment. Din il-Qorti tikkondividi din il-konkluzjoni u ghalhekk Finaval giet li kellha thallas 22 miljun dollaru aktar biex tixtri l-bastiment.

Is-socjeta` appellanti tghid ukoll li d-danni li kellhom jigu likwidati kellhom ikunu huma dawk li jirrapprezentaw il-profitt li setghet ghamlet Scorpio meta assenjat id-drittijiet taghha, kif wara kollox talbu l-Avukati tas-socjeta` appellati fl-ittra taghhom ta' Lulju 2003.

Skond l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili b'mod generali, id-danni li ghandhom jithallsu huma ghat-telf li wiehed ikun bata, u l-qliegh li jkun gie mtellef. Fil-kaz in ezami t-talba tas-socjeta` appellata fic-citazzjoni mhiex li hija tilfet il-bejgh tal-bastiment jew talba simili, u lanqas ma ppremettiet li hi riedet il-bastiment biex terga' tbieghu. Hija riedet il-bastiment ghan-negozju taghha u kellha bzonn li tixtri bastiment iehor minflok u fil-fatt xtrat bastiment, li b'kumbinazzjoni kien l-istess wiehed li kien se jmissha kieku thalliet li terzercita l-*option* mis-socjeta` appellanti.

Dwar l-ittra a fol. 834 Dok LP 12 cioe` l-korrispondenza bejn Finaval u Scorpio tramite l-avukati, il-Qorti tirrileva li din l-korrispondenza ntbghatet ghax Finaval riedet tkun taf jekk kienux vera l-ghajdut li l-vapuri kienu nbieghu, izda huma baqghu bla risposta. Finaval riedet principalment tixtri l-ishma fil-kumpanija li kellha l-vapur u sekondarjament jekk dan ma kienx aktar possibili, li tithallas id-danni minhabba ksur tal-weghda ta' bejgh.

F’dak l-istadju ta’ korrispondenza bla pregudizzju, it-talba tas-socjeta` appellata setghet hadet xejriet diversi, fosthom anke telf ta’ profit, li wara kollox setgha kien anke wiehed sostanzjali, anke in vista tal-fatt li kif gia` nghad il-valur tal-bastimenti kien qed jghola b’mod qawwi.

Finalment kwantu ghax-xiri tal-bastiment minn Finaval, Giovanni Fagioli xehed li huma xtraw dan il-vapur u pprezenta Memorandum of Agreement (Dok GF3 a fol. 691). Hu xehed li ghalkemm dan hu biss MOA fil-fatt il-vapur hu diga` taghhom (ara fol. 681).

**Imghax**

Is-socjeta` appellanti tissottometti li, apparti l-fatt li fic-citazzjoni ma saret ebda talba ghall-hlas ta’ imghax, billi f’din il-kawza s-socjeta` appellata talbet lill-Qorti biex tillikwida d-danni, l-imghax ma jistax jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, kif iddecidiet l-ewwel Qorti, izda mid-data tas-sentenza, cioe` mill-5 ta’ Lulju 2007, minhabba l-principju “*in liquidandis non fit mora*’.

Dwar l-ewwel punt sottomess, din il-Qorti tirrileva li fil-kamp kummercjali m’hemmx bzonn li ssir talba ghal imghax. L-Art 1141(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.

Dwar it-tieni sottomissjoni tas-socjeta` appellanti, is-socjeta` appellata ssostni li l-ewwel Qorti setghet ordnat il-hlas tal-imghax mill-31 ta’ Novembru 2004, cioe` minn meta l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita, izda ghazlet li tordna il-pagament mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, cioe` disa’ xhur qabel ma kellha tigi esegwita l-obbligazzjoni, u dan, is-socjeta` appellata ggustifikatu, minhabba l-*malafede* tas-socjeta` appellanti.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalkemm huwa veru li fil-kamp kummercjali l-imghax jibda jghaddi minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita, fil-kaz in ezami t-talba principali tas-socjeta` appellata fic-citazzjoni kienet ghat-

trasferiment tal-ishma u fin-nuqqas, talba sussidjarja ghall-hlas ta’ danni. It-talba ghad-danni ma kienitx talba ghal somma specifika imma ghall-ammont *da liquidarsi*. Dan l-ammont gie eventwalment likwidat mill-ewwel Qorti wara li semghet esperti f’dan ir-rigward, u wara li s-socjeta` attrici ressqet il-provi fuq din it-talba anke wara l-prezentata tal-kawza. Inoltre jirrizulta mill-provi li l-vapur inxtara mis-socjeta` appellata wara li giet pprezentata l-kawza. L-ewwel Qorti wkoll ma semmietx li hija ddecidiet kif iddecidiet fuq l-imghax minhabba l-*malafede* tas-socjeta` appellanti. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-imghax fuq is-somma ta’ US$22,200,000 ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza, cioe` mill-5 ta’ Lulju 2007.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa’ biss ir-raba’ aggravju tas-socjeta` appellanti u tordna li l-imghax fuq is-somma likwidata ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, cioe` mill-5 ta’ Lulju 2007, u f’dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata, izda tikkonferma fil-kumplament taghha s-sentenza tal-5 ta’ Lulju 2007 billi tichad l-aggravji l-ohra kollha tas-socjeta` appellanti. Tikkonferma wkoll is-sentenza tat-2 ta’ Dicembru 2004. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

Deputat Registratur
LB.

**<u>Appendici</u>**

Kopji tas-sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, Citazzjoni Numru 90/04, fl-ismijiet Dr. Ann Fenech noe v. Dr. Louis Cassar Pullicino noe decizi fit-2 ta’ Dicembru 2004 u fil-5 ta’ Lulju 2007 qeghdin jigu hawn annessi biex

jifformaw parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed jigu mmarkati bhala Appendici A u Appendici B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------